L-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP): Ottubru 2026

NR 209/2026 | L-Istatistika tal-Prezzijiet | Data tal-Ħruġ: 18/11/2026

Aħbarijiet | Tabelli | Metodoloġija



Il-Punti ewlenin

- F'Ottubru 2026, ir-rata annwali tal-inflazzjoni kif imkejla mill-HICP kienet ta' 2.3 fil-mija, tnaqqis mit-2.4 fil-mija ta' Settembru 2026.
- Ir-rata medja ta' tnax-il xahar għal Ottubru 2026 kienet ta' 2.3 fil-mija.
- L-akbar kontribut għaż-żieda tal-inflazzjoni annwali kien ġej mill-Indiċi tar-Ristoranti u l-akkomodazzjoni (+0.52 punti perċentwali), filwaqt li l-akbar kontribut li naqqas l-inflazzjoni annwali kien ġej mill-Indiċi tal-Informazzjoni u l-komunikazzjoni (-0.12 punti perċentwali).


Il-Kummentarju

F'Ottubru 2026, ir-rata annwali tal-inflazzjoni kif imkejla mill-HICP kienet ta' 2.3 fil-mija, tnaqqis mit-2.4 fil-mija ta' Settembru 2026.

It-tibdil fil-prezzijiet u l-effetti tiegħu fuq l-inflazzjoni

L-ogħla rati tal-inflazzjoni annwali f'Ottubru 2026 kienu rreġistrati fir-Ristoranti u l-akkomodazzjoni (3.4 fil-mija) u fit-Trasport (3.3 fil-mija). Min-naħa l-oħra, l-aktar rati baxxi tal-inflazzjoni annwali kienu rreġistrati fl-Informazzjoni u l-komunikazzjoni (-2.5 fil-mija) u fil-Ħwejjeġ u ż-żraben (0.2 fil-mija) (Tabelli nri 1 u 3).

Ċart nru 1. Rati ta' inflazzjoni




L-Indiċi tar-Ristoranti u l-akkomodazzjoni (+0.52 punti perċentwali), l-Indiċi tal-Ikel u x-xorb mhux alkoħoliku (+0.41 punti perċentwali), u l-Indiċi tat-Trasport (+0.40 punti perċentwali) irreġistraw l-akbar kontributi għaż-żieda tal-inflazzjoni annwali. Dawn kienu ġejjin l-aktar minn prezzijiet ogħla tas-servizzi tar-ristoranti, tal-ħaxix, u tas-servizzi tat-trasport bl-ajru, rispettivament.

L-Indiċi tal-Informazzjoni u l-komunikazzjoni (-0.12 punti perċentwali) irreġistra kontribut li naqqas ir-rata tal-inflazzjoni annwali minħabba prezzijiet aktar baxxi ta' servizzi tal-mowbajl (Ċart nru 2 u Tabella nru 4).

Ċart nru 2. Il-kontribut tat-tlettax-il taqsima ewliena tat-tieni verżjoni tal-ECOICOP għar-rata annwali tal-inflazzjoni

Xahar ta' riferenza - Ottubru 2026



Noti:


1. Punt perċentwali huwa d-differenza aritmetika bejn żewġ persentaġġi.
2. Serje kronoloġika fid-dettall ta' dawn iċ-ċifri qiegħda f'Tabella nru 4.

L-HICP (Malta u ż-żona tal-ewro)

Din is-sezzjoni tqabbel l-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur ta' Malta mal-aħħar ċifri taż-żona tal-ewro. F'Ottubru 2026, ir-rata annwali għal Malta kienet ta' 2.3 fil-mija, 1.7 punti perċentwali aktar baxxa mir-rata ta' 4.0[1] fil-mija rreġistrata fiż-żona tal-ewro (Ċart nru 3).

[1] L-aħħar data disponibbli għaż-żona tal-ewro hija stima, li tkun għadha provviżorja.

Ċart nru 3. It-taqsimiet kollha tal-HICP f'Malta u fiż-żona tal-ewro



Sors: NSO u Eurostat.

L-Istatistika tal-Prezzijiet

Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra

L-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut (RPI): Settembru 2026

L-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP): Settembru 2026

L-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut (RPI): Awwissu 2026

L-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP): Awwissu 2026

L-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut (RPI): Lulju 2026

Temi Oħra Relatati

Il-Proprjetà

Għal mistoqsijiet ikkuntattja:

prices.nso@gov.mt

Għal aktar data, jekk joġġbok żur:

L-Indikaturi Magħżula